MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1349/2005

**Michael u Alice konjugi Chetcuti**

**vs**

**Doris Borg u Anthony Tabone, Sindku u Segretarju Ezekuttiv u b'digriet tat-2 ta' Novembru, 2006 giet ordnat l-kjamati in kawza tas-socjeta' Roads Servicing Limited u Francesco Fenech Service Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas mill-konvenuti jew min minnhom li huma debituri tal-atturi fis-somma ta' ta' erba' mija u erbghin Lira Maltin (LM440.00), rapprezentanti spejjez ta' tiswija u riparazzjoni illi l-atturi kellhom jezegwixxu fil-proprjeta' taghhom senjatament in konnessjoni *mad-drain connections* fil-bankina u dan b'segwitu ta' xoghlijiet illi gew ezegwiti minn persuni fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut u liema xoghlijiet ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti.

Bl-Ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datat Mejju, 2005 kontra l-konevnuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti Doris Borg u Anthony Tabone, Sindku u Segretarju Ezekuttiv ta' B'Kara fejn sollevaw illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' sentejn ai termini ta' l-Artiklu 2153 tal-Kap.16;

Illi fit-tieni lok illi mhux minnu illi l-Kunsill Lokali ta' B'Kara huwa responsabbli ghal xi hsarat li allegatament gew ikkawzati fil-fond proprjeta' tal-atturi;

Illi x-xoghlijiet saru kollha skond is-sengha u l-arti kif sorveljati u certifikati mill-Perit Arkitett tal-Kunsill Lokali u ma hemm ebda konnessjoni bejn ix-xogholijiet maghmula fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali fit-triq de quo u l-allegati hsarat riklamati mill-atturi;

Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, l-azzjoni attrici kellha tigi diretta kontra l-kuntrattur li hadem fuq il-lok u dan ghax hu biss seta' kien negligenti fix-xoghlijiet minnu ezegwiti;

Illi minghajr pregudizzju u anzi in segwitu ghal dak premess fil-hames paragrafu ta' dawn l-eccezzjonijiet ikun opportun illi jkun kjamat in kawza
appuntu il-kuntrattur li hadem dawn ix-xoghlijiet li allegatament kkawzaw il-hsarat fil-fond tal-atturi sabiex jirrispondi hu ukoll ghall-eghmil tieghu;

Finalment illi s-somma mitluba hija wahda ezegerata u ghandha tigi gustifikata;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-atturi, inkluz l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2005.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra lli b'digriet tas-6 ta' April, 2006 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenuti Doris Borg, Sindku u Anthony Tabone, Segretarju Ezekuttiv u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Illi b'digriet tat-2 ta' Novembru, 2006 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta' Roads Servicing Limited u Francesco Fenech Service Limited.

Ra r-Risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta kjamata in kawza Road Servicing Limited (C-14802) fejn gie sollevat illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif is-socjeta' kjamata in kawza ser tipprova waqt it-trattazjoni ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-Ispejjez kontra l-atturi.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta kjamata in kawza Francesco Fenech Limited fejn intqal illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kjamata in kawza, ai termini tal- Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sekondarjament u bla pregudizzju ghas-sueccepiet is-socjeta' kjamata in kawza mhix resposnabbli ghall-hlas ta' danni, stante li hija kienet biss inkarigata ghat-tqeghid ta' madum.

Ghalhekk l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta' kjamat in kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u gandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kjamat in kawza Francesco Fenech Limited u tal-atturi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-kjamati in kawza Francesco Fenech Limited.

Ikkunsidra:

Din id-decizjoni hi limitata dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata cioe' lli l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' sentejn ai termini tal- Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-kaz jirrigwarda spejjez ta' tiswija u riparazzjoni lli l-atturi kellhom jaghmlu fil-properjeta' taghhom, in konnessjoni mad-*drain connections* fil-bankina.

Jirrizulta li x-xoghlijiet saru fis-7 ta' Ottubru, 2004. Din il-kawza infethet fil-21 ta' Gunju, 2005 u fis-7 ta' Dicembru, 2006 thallsu nnotifiki tat-talba fil-konfront tal-kjamati in kawza u fl-14 ta' Dicembru, 2006 giet notifikata l-kjamat in kawza Francesco Fenech Limited. Ma ngiebet ebda prova li l-preskrizzjoni giet interrotta.

Ma hemmx dubju li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata in kawza Francesco Fenech Limited, cioe' lli l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta treggi u ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal. Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kjamata in kawza

Francesco Fenech Limited u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-Ispejjez  ghall-konvenuti salv u impregudikat kull dritt li jista’ jkollhom l-istess konvenuti fil-konfront ta’ terzi.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------